MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 79/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Manwel Bezzina**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Manwel Bezzina talli f'dawn il-Gzejjer, bhala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fit-8 ta' Marzu 2008, naqas li jibghat lill-Kummissjonarju r-rapport tal-ispejjez elettorali tieghu fi zmien sittin gurnata mill-hrug tar-rizultat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' dawk l-elezzjonijiet, u cioe` sad-19 ta' Mejju 2008, bi ksur ta' l-artikolu 101(1) Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Frar 2011 li

permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Manwel Bezzina u lliberatu mill-imputazzjoni dedotta;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta’ Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex issib lill-appellat Manwel Bezzina hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tinfliggi dik il-piena indikata skond il-ligi ghall-htija ta’ l-appellat;

**4.** Rat ir-risposta ta’ l-appellat ipprezentata fit-12 ta’ Settembru 2011;
**5.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xiehda ta’ Savio Borg; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta’ l-Avukat Generali huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-permess ta’ l-Avukat Generali a tenur ta’ l-artikolu 103(2) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta nghata fl-14 ta’ Mejju 2010; (2) li dakinhar tas-seduta l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud inqabad fit-traffiku u cempel sabiex il-kawza odjerna tigi posposta bi ftit izda l-Magistrat sedenti ordna t-tkomplija tas-smiegh tal-kawza u W.P.S. 16 Wendy Aquilina hadet it-tmexxija tal-prosekuzzjoni f’idejha u timprovizza dwar kawza li ma kinitx f’posizzjoni li minn jeddha tipprezenta l-kunsens imsemmi.

**7.** Din il-Qorti ezaminat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

**“Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat.**

**“…**

**“Ghall-prosekuzzjoni l-Ispettur P. Micallef Grimaud kien prezenti.**

**“Xehed bil-gurament: Savio Borg (rapprezentant Kummissjoni Elettorali).**

**“Il-prosekuzzjoni tiddikjara m’ghandhiex aktar provi.**

**“L-imputat jiddikjara li mhux ser jixhed.**

**“Kawza deciza.”**

**8.** Dan il-verbal jitkellem wahdu, u cioe` li l-ufficjal prosekutur kien prezenti u minn imkien ma jirrizulta illi gie pprezentat il-permess ta’ l-Avukat Generali mehtieg skond l-artikolu 103(2) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta. Lanqas ma jirrizulta illi saret xi talba ghal differiment biex jigi prodott tali permess. Anzi l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Mhux hekk biss, izda din il-Qorti inoltre tosserva illi fis-seduta precedenti quddiem l-ewwel Qorti deher l-Ispettur James Grech ghall-prosekuzzjoni u lanqas f’dik is-seduta ma gie pprezentat il-permess a tenur ta’ l-imsemmi artikolu 103(2) li jipprovdi tassattivament: **“Ebda procediment ghal att illegali ma jista’ jinbeda minghajr il-permess tal-Avukat Generali.”** Konsegwentement is-sentenza appellata timmerita konferma.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------